



Brussell, 17 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15234/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0391(NLE)

ENV 861
MI 948
WTO 326
CHIMIE 89

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam rigward il-proċeduri ta' konformità - Adozzjoni

1. Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali (il- "Konvenzjoni"), li ġiet innegozjata taħt il-patroċinju tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (FAO) u l-Programm tan-NU għall-Ambjent (UNEP), ġiet adottata fil-10 ta' Settembru 1998 f'Rotterdam, u daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004. Ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE¹. Il-Konvenzjoni għandha l-għan li tippromwovi r-responsabbiltà kondiviża u l-isforzi kooperattivi fost il-Partijiet fil-kummerċ internazzjonali ta' kimiċi perikolużi, sabiex jitħarsu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u tikkontribwixxi għall-użu ambjentalment tajjeb ta' dawk il-kimiċi.

¹ ĠU L 299 tat-28.10.2006, p. 23-25.

2. L-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni jistipula li "il-Konferenza tal-Partijiet għandha, malajr daqs kemm prattikabbli, tiżviluppa u tapprova proċeduri u mekkaniżmi istituzzjonali biex tiddetermina nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u għal trattament ta' Partijiet li jinstabu f'nuqqas ta' osservanza". Minkejja diversi tentattivi li saru mill-2006 'l hawn, ma kienx possibbli s'issa li l-COP jaqbel dwar proċeduri ta' konformità.
3. F'tentattiv ieħor biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Art. 17 tal-Konvenzjoni, għadd ta' Partijiet għall-Konvenzjoni² pproponew it-test inkluż fl-Addendum għad-Deċizzjoni tal-Kunsill fis-sugġett³ għal konsiderazzjoni waqt id-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 9) li ser issir fid-29 ta' April - 10 ta' Mejju 2019 f'Ġinevra.
4. Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-COP 9⁴. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) ikkunsidra l-proposta fit-23 ta' Novembru 2018. Fit-3 ta' Diċembru 2018, id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar test ta' kompromess⁵ tal-Presidenza wara proċedura ta' silenzju informali.
5. Għalhekk huwa ssuġġerit, li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill
 - bħala punt "A" f'sessjoni li jmiss, jadotta d-Deċizzjoni li tinsab fid-dok. 15143/18 + ADD 1 kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti;
 - jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-Deċizzjoni tiegħu skont l-Artikolu 218(10) TFUE.

² Il-Kanada, il-Kolombja, il-Kosta Rika, il-Gana, il-Ġordan, il-Mali, in-Niġerja, il-Perù, l-Iżvizzera, it-Tajlandja, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanja u ż-Żambja.

³ Dok. 15143/18 ADD 1.

⁴ Dok. 14481/18 + ADD 1.

⁵ Dok. 14974/18.